MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 120/2003/1

**Rev. George Aquilina**

**v.**

**Anton F. Attard**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1.1. Dan hu appell ad istanza tal-intimat Anton F. Attard minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, fis-26 ta’ Lulju, 2007,

fil-kawza fl-ismijiet premessi u li fiha dik il-Qorti ddecidiet li gej, jigifieri:
"(1) Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li l-konvenut ta malafama lill-attur b'dak li kiteb f'Kapitolu tnejn (2) tal-ktieb "L-Arci-Matrici li Qatt ma Kienet" u li ppubblika fis-sena elfejn u tlieta (2003).

"(2) Tillikwida s-somma li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur skond l-Att dwar l-Istampa fl-ammont ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700).

"(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700).

"L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut."

1.2. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, qeghda tigi hawn taht riprodotta *in toto* is-sentenza appellata li fiha gie ritenut u deciz kif gej:
"**Il-Qorti;**

"**Din hija kawza ta' libell**.

"Permezz ta' citazzjoni prezentata fit-18 ta' Novembru 2003, l-attur ippremetta li l-konvenut huwa awtur ta' ktejjeb bl-isem ta' "l-Arci Matrici li Qatt ma Kienet" ippubblikat f'Ghawdex matul is-sena elfejn u tlieta (2003);

"Illi ghalkemm dan il-ktieb gie deskritt bhala kritika kostruttiva bi twegiba ghal pubblikazzjoni ohra li kienet saret fl-elf disa' mija u sitta u disghin (1996) minn Dun Karm Grech bl-isem *"Il-Knisja Arci-Matrici tal-Belt u tal-Gzira ta' Ghawdex"*, il-kontenut tieghu jmur ferm oltre semplici kritika tal-kontenut ta' dak li kiteb u fih sensiela ta' attakki personali diretti u ndiretti tal-attur u fuq l-integrita` personali tieghu;

"Illi fil-ktejjeb il-konvenut ta malafama lill-attur, bl-attibuzjonijiet ta' imputazzjonijiet specifici ingurjuzi li jwasslu ghal nuqqas ta' reputazzjoni u jesponuh ghar-redikolu jew ghal disprezz tal-pubbliku, liema reputazzjoni l-attur ghandu kull jedd jittutela skond il-ligi.

"Talab ghalhekk l-attur sabiex din l-Onorabbli Qorti:-

"1. Tiddikjara li l-kontenut tal-pubblikazzjoni tal-konvenut fuq imsemmi tikkostitwixxi malafama a dannu tal-attur u konsegwentement li l-konvenut hu hati ta' din il-malafama.
"2. Tillikwida l-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni minnu sofferti in segwitu ghal dina l-malafama inkluz bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28(1) tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta.
"3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata.

"Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fl-4 ta' Dicembru 2003[1], il-konvenut eccepixxa illi:-

"1. L-attur naqas milli jindika b'mod dettaljat, akkurat u korrett liema parti jew partijiet, mill-ktejjeb qeghda skond hu tikkostitwixxi "attakk personali dirett u indirett fil-konfront tieghu, u fuq l-integrita` personali tieghu", u ghalhekk l-esponenti qieghed isib ruhu fi grad illi ma jistax jiddefendi ruhu minn din il-kawza adegwatament ghaliex ma jafx minn xhiex qieghed jilmenta l-attur. Dan iwassal ghal nullita` radikali fic-citazzjoni illi ma jistax jigi sanat, u ghalhekk l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
"2. Bla pregudizzju, fil-meritu mhux minnu illi l-ktejjeb, jew xi parti minnu, fiha jew tikkostitwixxi xi attakk personali fil-konfront tal-attur u fuq l-integrita` personali tieghu u lanqas huwa minnu li l-ktejjeb fih xi imputazzjonijiet specifici ingurjuza li jwasslu ghal nuqqas ta' reputazzjoni jew jesponu ghar-redikolu jew ghal disprezz tal-pubbliku.
"3. Fil-ktejjeb il-konvenut illimita ruhu sabiex juri bl-aktar mod car il-fallacija ta' certi ipotesi u teoriji esposti mill-attur fil-ktieb tieghu, u b'ebda mod u manjiera ma mar oltre jew infexx f'xi attakk personali kontra l-attur.
"4. Ghall-kuntrarju il-kummenti kollha inkluzi fil-ktejjeb *de quo* jinkwadraw ruhhom perfettament fl-ambitu tal-*fair*

[1] Fol. 10.

*comment*, u huma leciti u permissibbli skond il-ligi tal-istampa, kif sejjer jigi ppruvat.

“Semghet ix-xhieda.

“Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom l-affidavits, traskrizzjoni tax-xhieda, dokumenti u n-noti ta’ sottomissjonijiet li gew prezentati mill-partijiet.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur prezentata fil-21 ta’ Mejju 2007 u dik tal-konvenut prezentata fis-27 ta’ Mejju 2007.

“Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Marzu 2007 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

“Ikkunsidrat:-

“1. Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

“(a) Fl-1996 gie ppubblikat ktieb minn Dun Karm Grech bl-isem ***“Il-Knisja Arci-Matrici tal-Belt u tal-Gzira ta’ Ghawdex”***. L-introduzzjoni ghal din il-pubblikazzjoni hi ntestata **Kelmtejn Qabel**[2] u nkitbet mill-attur.
“(b) Il-konvenut huwa l-awtur ta’ ktieb bit-titolu *“L-Arci-Matrici li Qatt ma Kienet”*. Kapitlu 2 ta’ dan il-ktieb huwa ntestat ***“Inwiegbu lil Patri Gorg Aquilina, O.F.M”***. Dan il-ktieb gie ppubblikat fis-sena 2003. Fil-parti ta’ quddiem ta’ din il-pubblikazzjoni jinghad li:-*“dan il-ktieb inkiteb biss bil-ghan li jiddefendi bl-akbar qawwa l-verita` storika dwar il-knisja ewlenija ta’ Ghawdex maghrufa fl-istorja bhala il-matrici illum il-Katidral ta’ l-Assunta tal-Gzira tat-Tliet Gholjiet”*.
“(c) L-attur hassu ngurjat b’dak li nkiteb fil-konfront tieghu f’kapitlu tnejn (2) tal-ktieb miktub mill-konvenut.
“(d) Gew stampati *circa* hames mitt (500) kopja tal-ktieb ***“L-Arci-Matrici li Qatt ma Kienet”,*** u skond il-konvenut inbieghu xi tlett (300) mitt kopja. Skond l-istess konvenut

[2] Fol. 31.

il-kotba tqassmu ghall-bejgh ghand il-hwienet tal-kotba f'Malta u Ghawdex.

"2. Fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni m'hemmx wisq x'jinghad. Il-konvenut qieghed jeccepixxi n-nullita` tac-citazzjoni ghaliex skond hu qieghed isib ruhu f'diffikulta' li jiddefendi ruhu ghaliex ma jafx ghaliex ma jafx minn x'hiex qieghed jilmenta l-attur. Minn qari tac-citazzjoni jirrizulta bl-iktar mod car li l-attur qieghed jilmenta minn dak li ddeskriva bhala ***"attaki personali diretti u indiretti fil-konfront tal-attur u fuq l-integrita` personali tieghu"***. Ghalhekk huwa car li l-attur qieghed jirreferi ghal dak li nkiteb dwaru f'kapitlu tnejn (2) fil-ktieb tal-konvenut. Dan il-kapitlu hu interament dedikat ghal dak li kien kiteb l-attur bhala introduzzjoni fil-ktieb *"Il-Knisja Arci-Matrici tal-Belt u tal-Gzira ta' Ghawdex"* li l-awtur tieghu hu Dun Karm Grech. Il-fatt li fic-citazzjoni l-attur ma semmiex brani minn dan il-kapitlu li fil-fehma tieghu huma ingurjuzi, ma jfissirx li b'daqshekk hemm xi nullita` tac-citazzjoni. Huwa maghruf li citazzjoni m'ghandhiex tigi ritenuta nulla hlief ghal ragunijiet gravi (ara **Marianna Muscat vs Dr. Joseph Cassar** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti fid-9 ta' Marzu 1965 – Vol. XLIX.ii.809). Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

"3. Fil-meritu, il-principji generali huma li:-

"(a) *"Ir-restrizzjonijiet li taghmel il-ligi ta' l-istampa (Kap. 248) ghandhom jigu interpretati fid-dawl ta' l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-isfond ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif dan jigi interpretat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani. Dana l-izvilupp fis-sistema legali taghna huwa zvilupp sinifikanti hafna ghal pajjizna billi ma jistax ma jkollux l-effett li jwessa' d-dritt ta' l-espressjoni. Madanakollu, b'dana l-izvilupp essenzjali, l-istampa ma nghatat ebda passaport ta' immunita`, billi tibqa' dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta` ta' espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jinhtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemma' l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor,*

*xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandha kull dritt li tgawdi"* (**Vincent Borg vs Victor Camilleri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Novembru 1994).

"(b) *"kullhadd ghandu d-dritt li jipprotegi r-reputazzjoni u fama tajba tieghu; li wiehed jattakka r-reputazzjoni u jnaqqas l-istima li persuna tgawdi fis-socjeta` hija haga kerha u ta' min jistmerrha. Ir-reputazzjoni tajba hija aqwa minn kull gid materjali u l-integrita` fizika taghna timmira wkoll li tharsilna l-integrita` morali taghna kif ukoll l-isem tajjeb taghna. Dan kollu huwa ragonevolment mehtieg f'socjeta` demokratika u ghalhekk, il-limitazzjoni li l-imsemmi artikolu tal-ligi jaghmel ghall-liberta` tal-espressjoni bhala dritt fondamentali, ghandha l-iskop li tipprotegi r-reputazzjoni u l-fama ta' haddiehor"*. Dan inghad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Grech vs l-Onor. Prim'Ministru et** fil-15 ta' Mejju 1995[3] fir-rigward ta' l-Artikolu 29 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248). Principju li ghandu japplika wkoll fir-rigward tal-Artikolu 28 tal-istess Kap[4]. Fil-ktieb **Gatley on Libel and Slander** naqraw:-*"The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning. 'Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation'. 'The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning*

[3] Vol. LXXIX.i.148.

[4] *"**28.** (1) Fil-kaz ta' malafama, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti civili kompetenti tista', minbarra d-danni li jistg]u jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza somma ta' mhux izjed minn hamest elef lira.*
*(2) F'kull kaz li ghalih japplika dan l-artikolu, il-konvenut jista', bi tnaqqis tad-danni, jipprova li hu jkun ghamel jew offra li jaghmel apologija lill-attur dwar dik il-malafama qabel ma tkun inbdiet l-azzjoni ghad-danni jew, kemm jista' jkun malajr wara malli kellu l-opportunità li hekk jaghmel f'kaz li l-azzjoni tkun inbdiet qabel kellu l-opportunità li jaghmel jew li joffri li jaghmel dik l-apologija:*
*Izda l-konvenut ma jistax igib dik il-prova bi tnaqqis ta' danni jekk hu jkun gieb il-prova tal-verità skond l-artikolu 12 ta' dan l-Att".*

*of the words he has used'. 'It is not the defendant's intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of the libel' but 'what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it'."*[5]

"4. Sabiex wiehed jasal ghal decizjoni jekk dak li jkun inkiteb huwiex libelluz, ghandu jikkunsidra kif jifhmu *"a reasonable fair minded man"*, igifieri cittadin ordinarju, ta' intelligenza normali. Fil-kawza fl-ismijiet **Onor. Dr. G. Cassar vs Dr. Joseph Muscat** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Lulju 1984, gie osservat:- *"illi wiehed mill-aktar principji fondamentali in materja ta' ingurja bl-istampa hija illi dak li jkun intenda l-awtur tal-kitba inkriminata hu normalment fattur estraneju, u dan ghaliex dak li hu importanti hu dak li jkun gie miktub u kif dan jinftiehem minn persuna ta' intelligenza ordinarja"*. Min-naha tieghu il-konvenut, anke meta xehed in kontro-ezami fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2007, ipprova jispjega x'ried ifisser meta uza dawk il-kliem fil-konfront ta' l-attur u li ma kellu l-ebda intenzjoni li jaghmel hsara lill-attur. Il-Qorti taghmel riferenza ghall-partijiet mix-xhieda moghtija mill-konvenut in kontro-ezami:-

- *"jiena ridt naghti messagg illi fl-introduzzjoni li ghamel patri Aquilina, hemm hafna zbalji. Pero` kellux l-intenzjoni li jqarraq jew le, jien ma ghandix ideja"*. Kompla jghid, *"ghadha kif inqratli parti minn dak illi ktibt jien fil-ktieb tieghi, pagna ghoxrin, fejn fit-tieni paragrafu jien ghidt dan il-kliem, "Patri Aquilina ma kellu ebda dritt jaqleb l-ordni ta lista ta' knejjes f'dokument hekk importanti. Meta ghamel hekk, iffalsifika d-dokument, u allura ried iqarraq bil-qarrejja". Jiena hawnhekk ridt naghti l-istess messagg illi ridt nghaddi bil-qawl meta wzajt il-kliem fil-bidu tal-kapitlu 'qarrieq darba dejjem qarrieq'. Il-messagg illi ridt naghti kien illi hawnhekk ghidt Patri Aquilina qed jaghmel xi haga hazing. Issa, huwiex zball jew hijiex xi haga intenzjonali, jiena ma nistax nghid"*.

[5] ***Gatley on Libel and Slander***, Sweet & Maxwell (London), 1981 (8th. Ed.), para. 89, p. 45.

- *“Jiena nikkonferma illi b’dak l-istatement illi ghamilt f’pagna ghoxrin tal-ktieb tieghi, ma kontx qieghed nghaddi gudizzju fuq Patri Aquilina. Pero` jiena kont sempliciment qieghed nghid illi l-kitba kif inkitbet, tqarraq bik. Ma kelli qatt f’mohhi illi patri Aquilina ried iqarraq”*.

“Kif rajna l-intenzjoni tal-konvenut m’hijiex materjali meta wiehed biex jigi biex jiddetermina jekk il-kliem huwiex malafamanti[6]. F’kull kaz il-Qorti mhi konvinta xejn mill-ispjegazzjoni li pprova jaghti in kontro-ezami l-konvenut ghal dak li kiteb f’kapitlu tnejn (2) tal-ktieb tieghu. F’kull kaz jekk il-hsieb tieghu kien ghal kollox onest u innocent, certament li t-ton li bih kiteb jaghti x’jifhem lill-qarrej li l-konvenut qieghed jaghmel allegazzjonijiet serji ntizi biex iwaqqa’ l-kredibilita` u reputazzjoni tajba tal-attur.

“5. Nghaddu issa biex naraw dak li kiteb il-konvenut f’kapitlu tnejn (2) tal-ktieb tieghu u ntestat ***“Inwiegbu lil Patri Gorg Aquilina, O.F.M”***. Huwa jibda l-kapitlu bil-qawl ***“qarrieq darba, dejjem qarrieq”***. Imbaghad ighaddi biex jaghmel dawn id-dikjarazzjonijiet (fost’ohrajn):-

- *“Patri Gorg Aquilina, O.F.M. huwa habib kbir tan-naha ta’ San Gorg ghax sahansitra darba minnhom ittella’ bhala xhud fil-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta minn Pawlu Mizzi biex jixhed fi kwerela ta’ libel li dan ta’ l-ahhar kien ghamel kontrija. Din il-kwerela ta’ libel li dan ta’ l-ahhar kien ghamel kontija. Din il-kwerela kienet giet irrangata u s-servizzi ta’ Patri Aquilina ma kinux mehtiega. Din id-darba Patri Aquilina nghata l-unur li jaghmel kelmtejn ghall-pubblikazzjoni ta’ Karmenu Grech. Kien jaf*

[6] *“The meaning in which the defendant intended the words to be understood, though material on the question of damages, is immaterial in determining whether the words are defamatory or not. The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning.”* (estratt mill-ktieb **Gatley on Libel and Slander** Sweet & Maxwell (London), 1981 (Eighth Edition), para. 89, page 89 citat fil-kawza fl-ismijiet **Perit Joseph Boffa vs John A. Mizzi** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-21 ta’ Gunju 2005).

*fiex se jsib ruhu Patri Aquilina ? Halli naraw”* (pagna 17 tal-ktieb).

- *“**Jinqabad ighawweg il-fatti***
*Meta gie biex jikkwota mill-Bolla ta’ l-Indulgenza tal-Gublew tas-sena 1450, Patri Aquilina semma l-knejjes ta’ Ghawdex li fihom setghet tintrebah l-indulgenza. Izda, ghageb tal-ghegubijiet, l-istoriku li tant ghamel enfasi fuq id-dokumenti **wasal biex sahansitra ghawweg il-fatti kif irraportati fid-dokument**”* (pagna 19 tal-ktieb).
- *“Patri Aquilina ma kellu ebda dritt jaqleb l-ordni ta’ lista ta’ knejjes f’dokument hekk importanti. **Meta ghamel hekk iffalsifika d-dokument u allura ried iqarraq bil-qarrejja**”* (pagna 20 tal-ktieb).
- *“Fl-ahharnett Patri Aquilina jrid ibellaghhielna li Karmenu Grech……”* (pagna 33 tal-ktieb).

“Applikati l-principji hawn fuq enuncjati, f’mohh din il-Qorti m’hemm l-ebda li dawn id-dikjarazzjonijiet huma min-natura taghhom libelluzi. Il-messagg li qieghed jaghti l-kittieb huwa wiehed car, cioe` li b’dak li kiteb l-attur kien qieghed ighawweg il-fatti u jqarraq bil-qarrejja. Dan mhu xejn ghajr attakk personali fil-konfront tal-konvenut bl-intenzjoni li jipprova jiskredita dak li kiteb bhala introduzzjoni ghall-ktieb ta’ Dun. Karm Grech. Bl-ebda tigbid ta’ l-immaginazzjoni qarrej ma jista’ jifhem id-dikjarazzjonijiet li ghamel il-konvenut fis-sens li huwa kien qieghed sempliciment ighid li l-attur bhala storiku messu nduna li kien qieghed jaghmel zball u li l-messagg li ried jaghti kien biss li l-attur kien qieghed jaghmel *“hafna zbalji”*. Jidher li hemm kwistjoni dwar jekk il-Parrocca ta’ San Gorg hijiex Matrici jew Arci-Matrici u jekk hijiex l-Proto-Parrocca, kif ukoll piki bejn nies affiljati ma’ din il-knisja u dawk li bhall-konvenut isostnu t-tezi li t-titlu jispetta lill-Knisja ta’ Santa Marija Assunta li tinsab fic-Cittadella ta’ Ghawdex. Dawn huma kwistjonijiet u piki bejn nies tal-istess belt (Victoria, Ghawdex) li igibu bla bzonn tant dizgwid u inkwiet fil-parrocci, bliet u rhula ta’ pajjizna. Jidher ukoll li jezisti dokument antik[7] (Bolla ta’ Indulgenza tal-Gublew tas-sena 1450) li saret riferenza

[7] Fis-seduta tas-26 ta’ Marzu 2007 il-konvenut (in kontro-ezami) iddikjara li dan instab mill-attur.

ghalih fil-kitba tal-attur, u li skond il-konvenut il-knejjes li jissemmew f'dan id-dokument ma gewx kwotati mill-attur bl-ordni li jissemmew fid-dokument. Il-punt tal-konvenut hu li meta l-attur qaleb l-ordni li fih jissemmew il-knejjes f'dan id-dokument, kien qieghed jaghti precedenza lill-knisja ta' San Gorg meta qatt ma messha nghatat dik il-precedenza. F'dan is-sens il-konvenut kiteb, ***"Patri Aquilina ma kellu ebda dritt jaqleb l-ordni ta' lista ta' knejjes f'dokument hekk importanti. Meta ghamel hekk iffalsifika d-dokument u allura ried iqarraq bil-qarrejja"***[8]. Il-Qorti qrat l-introduzzjoni mitkuba mill-attur. Kull ma qal dwar dan id-dokument antik kien li ***"il-Bulla ta' l-Indulgenza tal-Gublew tas-sena 1450 setghet tintrebah minn San Gorg, San Gakbu, ta' Savina, Santu Wistin u San Pietru tac-Cimiterju tar-Rabat. Il-Knisja ta' l-Assunta ma tissemmiex"***[9]. Fl-ebda parti tal-introduzzjoni miktuba mill-attur ma nsibu xi dikjarazzjoni fis-sens li:

"(a) Il-knisja ta' San Gorg ghandha precedenza fuq il-knejjes l-ohra. Fil-kitba tieghu l-attur ma ttrattax dan is-suggett.

"(b) L-ordni li bih semma l-knejjes hi xi ordni ta' precedenza tal-knejjes;

"(c) Qieghed jiccita *verbatim* mill-imsemmi dokument, jew li l-ordni li fih semma l-knejjes kien l-ordni li fih jissemmew f'dan id-dokument tal-1450.

"L-attur, bhala storiku, kien sempliciment qieghed jaghmel riferenza ghal dokument storiku u semma l-knejjes li hemm riferenza ghalihom f'dan id-dokument. Minn qari ta' din l-introduzzjoni, certament li l-attur ma ta (u wisq anqas ma pprova jaghti) l-ebda interpretazzjoni fir-rigward tal-ordni li fih jissemmew il-knejjes f'dan id-dokument antik. Dan l-aspett ma jissemma mkien fl-introduzzjoni li kiteb. Dan apparti l-fatt li l-Qorti hi wkoll tal-fehma li anke jekk ghall-grazzja tal-argument l-attur wasal biex jaghti interpretazzjoni dwar il-mod kif issemmew il-knejjes f'dan id-dokument, il-konvenut xorta ma kienx ikun gustifikat li juza dawk l-aggettivi hekk goffi. Min irid jirribatti tezi

[8] Fol. 20.
[9] Fol. 32.

m'ghandux jaqa' f'dak il-livell baxx ta' tghajjir. Il-kitba tal-konvenut ma tistax tigi kwalifikata bhala kritika kif argumenta l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Il-partijiet li l-Qorti siltet mill-kitba tal-konvenut ma jistax jigi klassifikat bhala kritika imma tghajjir li fih innifsu jeccedi kull limitu ta' decenza.

"Fil-fehma tal-Qorti dak li kiteb l-konvenut fil-konfront tal-attur ma jistax jiftiehem mod iehor, anke minn qarrej ta' intelligenza medja, ghajr bhala attakk personali ghall-integrita` u kredibilita` tal-attur u li jnaqqaslu r-reputazzjoni tieghu. Li tghid li persuna qeghda tghawweg il-fatti, qeghda tqarraq bil-qarrejja, u sahanistra tibda kapitlu (dedikat ghal dak li kiteb l-attur) bil-qawl ***"qarrieq darba, dejjem qarrieq"*** huma dikjarazzjonijiet goffi hafna u li ma jistghu bl-ebda mod jigu gustifikati[10]. Il-Qorti ma tistax taccetta l-ispjegazzjonijiet li pprova jaghti l-konvenut ghal dak li kiteb. Hekk per ezempju fir-raba' faccata tal-affidavit tieghu[11] iddikjara li l-qawl "***"qarrieq darba, dejjem qarrieq"***[12] ma kienx indirizzat lill-attur; *"ridt inwissi li f'kaz li persuna tkun skorretta f'dak li tghid jew taghmel, ikun hemm ir-riskju li ma titwemminx f'dak li hi tista' tghid aktar 'l quddiem anki jekk dak li tghid jista' jkun minnu"*. Ighid x'ighid issa l-konvenut, il-qawl hi riferenza cara wkoll ghall-attur u t-tifsir li pprova jaghti l-konvenut ghall-uzu ta' dan il-qawl hi ghal kollox wahda fjakka u mhux kredibbli. Il-kapitlu hu ntiz biex iwiegeb dak li kien kiteb l-attur (kif konfermat mit-titlu stess) u fl-istess kapitlu l-konvenut rega' ghamel l-allegazzjoni li l-attur kien qieghed iqarraq bil-qarrejja u sahansitra li ghawweg il-fatti. Il-messagg li ried jaghti l-konvenut huwa car, cioe` li b'dak li kiteb l-attur kien qieghed jipprova intenzjonalment jipperswadi lill-qarrejja fuq fatti li l-attur stess kien jaf li huma foloz. Fehema li tkompli tissahhah meta l-konvenut kiteb li l-attur ***"ried iqarraq"*** (pagna 20 tal-ktieb tal-konvenut). Fin-nota

[10] Fid-dizzjunarju ta' Profs. J. Aquilina, it-tifsira tal-kelma "qarrieq" hija *"cheater, deceiver, swindler"* (*Maltese-English Dictionary* (Vol. II) pagna 1133, Midsea Books Ltd), mentri l-kelma "ghawwieg" tfisser *"one who twists s.th. or distorts facts"* (ibid pagna 987).
[11] Fol. 101 a tergo.
[12] Dak li l-konvenut isejjah bhala qawl (*falsus in unum, falsus in ominibus*) huwa principju legali Ruman li tfisser li xhud li jixhed il-falz fuq materja m'huwiex kredibbli fuq kwalsiasi materja ohra.

ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut qal:- *"Ghal kull kapitolu l-konvenut jidentifika qawl li jkun jorbot mat-tema ta' dak il-kapitolu partikolari. L-uzu ta' dan il-qawl bl-ebda mod ma kien intiz sabiex il-konvenut jindirizza lill-attur bhala qarrieq"*. Il-konvenut qieghed jikkontradixxi ruhu in kwantu l-ewwel ighid li l-iskop tal-qawl fil-bidu tal-kapitolu hu li *"jorbot mat-tema"* ta' dak il-kapitolu. It-tema tal-kapitolu tnejn (2) kien proprju dak li kiteb l-attur (fatt ammess mill-konvenut stess in kontro-ezami – fol. 193) tant li t-titlu hu ***"Inwiegbu lil Patri Gorg Aquilina, O.F.M"*.** Ma jistax ikun li l-ewwel il-konvenut jitfa' l-gebla u mbaghad jipprova jahbi jdejh u jghid *"pero` kellux l-intenzjoni li jqarraq jew le, jiena m'ghandix ideja"* (fol. 193). Dan iktar u iktar meta l-konvenut stess ammetta in kontro-ezami li *"…qieghed naqbel f'dak li qieghed jigi suggerit minn Dr. Georgine Grech, illi dan id-dokument, ma jaghmilx xi lista ta' min mill-parrocci ghandhom jinghataw il-precedenza, sempliciment jipprezenta lista tal-parrocci"* (fol. 195).

"F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li d-dikjarazzjonijiet li ghamel il-konvenut jikkostitwixxu malafama.

"6. Permezz tar-raba' eccezzjoni, il-konvenut eccepixxa li l-kummenti li ghamel jinkwadraw ruhhom fl-ambitu ta' *fair comment*. F'dan ir-rigward il-principju hu li:- *"illi d-difiza tal-"fair comment" tippostula, bhala rekwiziti essenzjali taghha li l-fatt kummentat jew narrat ikun veru. Dan fil-kompletezza tieghu. Ara "***Angelo Fenech proprio et nomine -vs- Anthony Montanaro et nomine***", Appell Civili, 21 ta' Jannar 1993. Jekk il-fatt li fuqu jkun bazat il-kumment ma jezistix dan il-kumment ma jistax jitqies "fair". Ukoll, "jekk il-verita tal-fatti ma tigix pruvata, lanqas biss hemm lok li tigi ezaminata l-eccezzjoni tal-fair comment"*. (**Kollez.Vol. XLII P IV p 1470; Vol. XLIV P IV p 874**)" (**Joseph Spiteri vs Frank Farrugia** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Jannar 2007). Fil-ktieb *Gatley on Libel and Slander* jinghad li: *"To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the*

*comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea"*[13].

"7. Li tghid per ezempju li l-attur qaleb l-ordni ta' lista tal-knejjes u b'dan il-mod kien ***"iffalsifika d-dokument u allura ried iqarraq bil-qarrejja"***, ma jista' bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni jinghad li huwa *fair comment*. Dan iktar u iktar meta wiehed iqies li mill-provi jirrizulta li kien l-attur li sab dan id-dokument u fl-ebda parti tal-kitba tieghu ma ddikjara li l-knisja ta' San Gorg ghandha tinghata precedenza fuq dik ta' Santa Marija. Kull ma kiteb kien li *"il-Bulla ta' l-Indulgenza tal-Gublew tas-sena 1450 setghet tintrebah minn San Gorg, San Gakbu, ta' Savina, Santu Wistin u San Pietru tac-Cimiterju tar-Rabat"*[14]. Kif diga' rajna fl-ebda parti mill-kitba tieghu l-attur ma kkummenta dwar xi precedenza ghandha tinghata lill-knejjes u wisq anqas ma jaghti lill-qarrej x'jifhem li qieghed jikkwota *verbatim* minn dan id-dokument, jew li dan id-dokument qieghed jistabilixxi precedenza tal-knejjes. Bl-istess mod ma jistax jinghad li dikjarazzjoni fis-sens li l-attur *"ghawweg il-fatti kif irraportati fid-dokument"* tista' tikkwalifika bhala *fair comment*. Dan apparti l-fatt li l-Qorti hi tal-fehma li dikjarazzjonijiet bhal dawk li ghamel il-konvenut fil-kapitlu 2 tal-ktieb, cioe` li wiehed inqabad ighawweg il-fatti u li ffalsifika dokument u qieghed iqarraq bil-qarrejja, huma dikjarazzjonijiet ta' fatt u mhux semplici opinjoni[15]. Ir-riferenza hi ghall-attur. Meta wiehed jaqra is-silta qasira li kiteb l-attur (fol. 31 -33) fil-ktieb ***"Il-Knisja Arci-Matrici tal-Belt u tal-Gzira ta' Ghawdex"***, jikkonferma kemm il-fatti attribwiti lill-attur huma inveritieri.

---

[13] ***Gatley on Libel and Slander***, Sweet & Maxwell (London), 1981 (8th. Ed.), para. 692, p. 693.

[14] Fol. 32.

[15] Fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Sandra Caruana vs Joseph Mifsud** deciza fl-20 ta' Settembru 2004, il-Qorti ta' l-Appell, fejn gie ddikjarat li attribuzzjoni ta' **dikjarazzjoni falza** hi dikjarazzjon ta' fatt u mhux semplici opinjoni u ghalhekk ma kienitx tikkwalifika bhala *fair comment*.

Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt ighaddi gudizzju ta' dizvalur fil-konfront tal-attur u jipprova jinterpreta fatti li ma jirrizultawx minn dak li kiteb l-attur. Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li l-konvenut ma kellu l-ebda bazi li jaghmel dikjarazzjonijiet simili ghal dawk li ghamel fil-konfront tal-konvenut. Ma jistax issa joqghod jipprova jistahbha wara d-difiza tal-*fair comment* u jrid igorr ir-responsabbilta' tad-dikjarazzjonijiet li ghamel.

"8. Bhala kumpens l-Att dwar l-Istampa taghti massimu ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000). Il-kliem uzat mill-konvenut huwa goff, u wiehed irid iqies li dan intuza fi ktieb li gew stampati xi hames mitt (500) kopja minnu u tqassmu fil-hwienet tal-kotba ta' Malta u Ghawdex. Mehud in konsiderazzjoni:-

- "tal-kliem goff li ntuza, fosthom li bhala storiku l-attur qieghed ighawweg il-fatti u jqarraq bil-qarrejja. Il-konvenut attribwixxa wkoll *mala fede* lill-attur;
- "il-fatt li ghadda dan iz-zmien kollu u l-konvenut ma ghamel xejn biex jirrettifika dak li stqarr fil-konfront tal-attur. Fil-fehma tal-Qorti li tghid, kif qal il-konvenut, fil-kors tal-kontroezami li taf li l-attur huwa persuna ta' integrita` u storiku serju u li l-konvenut ma kellu l-ebda intenzjoni li jattakka r-reputazzjoni tieghu, m'huwiex bizzejjed;
- "il-fatt ukoll li mill-atti jirrizulta li l-attur irnexxielu jaghmel isem ghalih fil-qasam tal-istorja tal-knisja u wkoll fil-qari u traskrizzjoni ta' dokumenti antiki hafna, kif ukoll fis-snin twal li ghamel bhala ghalliem u bibjotekarju. Li taghmel dikjarazzjonijiet bhal dawk li ghamel il-konvenut fil-konfront tal-attur tkompli zzid fil-gravita` tal-kaz;
- "il-fatt li din il-malafama saret fi ktieb li tqassam ghall-bejgh u ma kienitx per ezempju xi ittra li ntbaghatet lil xi numru zghir ta' destinatarji. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-konvenut li t-tqassim ta' dan il-ktieb kien wiehed minimu u li l-effett ta' dak li nkiteb mill-konvenut kien ghal certu sezzjoni ta' nies midhla ta' Victoria, Ghawdex;

"il-Qorti qeghda tillikwida s-somma ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700) bhala kumpens li ghandu jithallas lill-attur.

"Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut:-

"(1) Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur u tiddikjara li l-konvenut ta malafama lill-attur b'dak li kiteb f'kapitolu tnejn (2) tal-ktieb "L-Arci-Matrici li Qatt ma Kienet" u li ppubblika fis-sena elfejn u tlieta (2003).

"(2) Tillikwida s-somma li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur skond l-Att dwar l-Istampa fl-ammont ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700).

"(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700).

"L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut."

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT</u>**

2.1. Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza surreferita u interpona appell minnha, ghal fini ta' revoka totali jew riforma *in parte*, skond il-kaz, relattivament ghal tnaqqis fl-ammont tad-danni likwidati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

2.2. L-aggravji tal-konvenut jistghu in succint jingabru fis-segwenti:

(i) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-kritika li ghamel l-appellant fil-ktieb tieghu u waslet ghal konkluzjonijiet ghal kollox zbaljati minn dak li kiteb;

(ii) id-difiza tieghu tal-"fair comment" kellha tigi milqugha ghax il-konvenut ikkummenta fuq "fatti sostanzjalment veri" u dak li kiteb kien maghmul fil-konfront tal-appellat kien "kompletament u esklussivament … bhala storiku";

(iii) bla pregudizzju ghas-suespost, id-danni illi gew likwidati ghall-malafama kienu eccessivi.

**Ir-risposta tal-attur appellat**

3. L-attur appellat wiegeb li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

L-ewwel Qorti jidher li dahlet hafna fil-fond fil-mertu u ma kien hemm l-ebda apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Il-kummenti tal-appellant kif espressi fil-kitba *de quo* kienu ghal kollox ta' natura malfamanti fil-konfront tal-attur. Ma hemm ebda raguni ghaliex din il-Qorti tal-Appell ghandha tbiddel is-sentenza appellata. L-appell ghalhekk ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Qabel ma tgharbel u tiddeciedi fil-mertu dan l-appell, il-Qorti thossha fid-dmir li taghmel zewg osservazzjonijiet ta' natura generali dwar il-kaz in ezami. L-ewwel osservazzjoni hija li mill-provi akkwiziti jidher aktar minn ovvju li fl-isfond tal-vertenza tezisti pika "tahraq" bejn zewg fazzjonijiet rigwardanti l-istatus storiku ta' zewg parrocci, it-tnejn fil-belt ta' Victoria, Rabat, Ghawdex, jigifieri l-Kattidral ta' Ghawdex u l-Parrocca ta' San Gorg, it-tnejn fl-istess belt. Din il-Qorti la ghandha l-hsieb u lanqas l-icken inklinazzjoni li tidhol f'dan id-dibattitu "skottanti" u kontroversjali bejn parrocca u ohra. It-tieni osservazzjoni hija li din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, m'hijiex sejra timpressjona ruhha jew taghti hafna piz lill-fatt li kemm in-naha attrici u kemm ukoll dik konvenuta, in sostenn tat-tezi partikolari taghhom, ghazlu li jtellghu b'xhieda numru ta' persuni li kull wiehed minnhom gej minn wahda miz-zewg fazzjonijiet jew parrocci. Dan ghaliex il-kriterju regolatur f'materja ta' libell huwa primarjament ibbazat fuq il-kontenut ta' dak li jkun intqal jew inkiteb, kif ukoll xi jkun fehem qarrej ordinarju minn dak li jkun hekk inkiteb. Principju baziku iehor f'materja ta' malafama jew diffamazzjoni huwa dak li fejn jinsab li l-kliem stess minnu nnifsu huwa ingurjuz, allura m'hemmx f'hiex wiehed jintilef ghax kif ghallem l-awtorevoli Frola

(Delle Ingiurie e Diffamazioni, UTET, 1900, p. 21) "quando verba sunt per se injuriosa, animus injuriandi praesumitur".

5. Mill-provi prodotti jirrizulta illi bejn il-Parrocci ta' San Gorg u dik tal-Kattidral ta' Ghawdex tezisti kontroversja dwar kemm hu storikament korrett it-titlu ta' Arci-Matrici attribwit minn uhud lill-Parrocca ta' San Gorg. Is-sostenituri tal-Kattidral jiddubitaw totalment il-korrettezza ta' dan it-titlu, filwaqt li s-sostenituri tal-Parrocca ta' San Gorg huma konvinti mija fil-mija mill-awtenticita` u veracita` tieghu. Kif gia` ntqal *supra*, din il-Qorti m'hija sejra timbarka f'ebda ezercizzju biex tiskopri min minnhom ghandu ragun. Ghal fini ta' dan l-appell jinghad biss li fl-1996 Dun Karm Grech ippubblika ktieb intitolat Il-Knisja Arci-Matrici tal-Belt u tal-Gzira ta' Ghawdex. L-attur appellat dahal fix-xena proprju ghaliex huwa kiteb "dahla" ghal din il-pubblikazzjoni, ftit pagni ta' introduzzjoni kollox, taht l-intestatura "Kelmtejn Qabel". Il-konvenut appellant irreagixxa b'kitba tieghu ghal din il-pubblikazzoni u fl-2003 (jigifieri seba' snin wara) ppubblika ktejjeb intitolat L-Arci-Matrici li Qatt ma Kienet. It-tieni Kapitlu huwa intestat Inwiegbu lil Patri Gorg Aquilina O.F.M. – jigifieri lill-attur odjern. L-attur hassu ingurjat b'din il-pubblikazzjoni. Min-naha l-ohra, il-konvenut iddikjara b'din il-kitba li l-ghan tieghu qatt ma kien dak li jingurja lil xi hadd imma dak "li jiddefendi bl-akbar qawwa l-verita` storika dwar il-knisja ewlenija ta' Ghawdex maghrufa fl-istorja bhala l-matrici llum il-Kattidral tal-Assunta tal-Gzira tat-Tliet Gholjiet.

6. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, hadet il-briga li taqra u tezamina l-kitba tal-konvenut appellant u hija tal-ferma konvinzjoni li l-imsemmija kitba hija ingurjuza u malfamanti fil-konfront tal-attur a tenur tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta. It-tezi tal-appellant hija li l-attur (ara xiehda tieghu in ri-ezami, fol. 190 tal-process)
"(Patri Aquilina) ma kellu ebda dritt jaqleb l-ordni ta' lista ta' knejjes f'dokument hekk importanti. Meta ghamel hekk iffalsifika dokument u ghalhekk irid iqarraq bil-qarrejja". (Enfasi mizjud tal-Qorti).

Issa apparti li dwar il-fatti storici hemm kontestazzjoni mill-parti l-ohra (li dwarha din il-Qorti m'hijiex ser tidhol fiha), jibqa' fatt li l-konvenut fil-kritika tieghu tal-introduzzjoni miktuba mill-attur ghall-ktieb ta' Dun Karm Grech tmur ferm oltre minn semplici kritika bl-iskop li "jiddefendi l-verita` storika" dwar iz-zewg parrocci fil-Gzira ta' Ghawdex. Biex il-Qorti waslet ghal tali kostatazzjoni hija strahet maggorment fuq il-kitba nfisha u mhux fuq x'dehrilha naha jew ohra. Wara li l-konvenut jaddebita sensiela ta' akkuzi serji lil Dun Karm Grech, jigifieri bniedem illi jrid iqarraq deliberament bil-qarrejja tieghu u bhal qarrieqa ohrajn "l-ghajb tieghu baqa' jissemma' fl-Istorja" (p. 11 tal-ktieb), huwa jixhet l-attenzjoni tieghu fuq l-attur. Effettivament "l-ghajb" illi waqa' fih Dun Karm Grech kien konsegwenza diretta tal-fatt li dan ghazel li jikkopja, ossija jirrepeti u jaghmel tieghu dak li kien kiteb qablu l-attur appellat. It-Tieni Kapitlu surreferit huwa dikjaratament intiz bhala twegiba ghall-istudju ta' ricerka maghmul mill-attur Patri Gorg Aquilina. Il-konvenut pero` jmur mill-ewwel fuq l-ingurjuz, u dan jaghmlu bla ebda xinxilli, ghax proprju taht it-titlu ta' dan il-kapitlu jiccita minn ghidut bil-Latin, debitament tradott ghall-Malti, biex zgur jifhem kulhadd, (ara fol. 17) kif gej: "*Falsus in uno, falsus in omnibus*" – Qarrieq darba, dejjem qarrieq. Imma ghall-konvenut, Patri Aquilina (l-appellat) m'huwiex sempliciment storiku, imma "huwa habib kbir tan-naha ta' San Gorg…". L-istoriku Aquilina seta' zbalja jew kien impreciz f'dak li fittex u kiteb dwaru, imma ghall-konvenut, darba li skond it-tezi tieghu l-ordni kronologiku dwar il-parrocci kien hazin, allura kellu jsegwi (fol. 20) li Aquilina "iffalsifika d-dokument u allura ried iqarraq bil-qarrejja". Aktar qabel (fol. 19), il-konvenut jikteb li Aquilina "wasal biex sahansitra ghawweg il-fatti kif rapportati fid-dokument". U darba li ghamel dan, allura wiehed bilfors ikollu jzomm quddiem ghajnejh dak li kiteb il-konvenut fil-bidu tat-Tieni Kapitlu, jigifieri li qarrieq darba, dejjem qarrieq. Huwa inutli li issa jigi l-konvenut u jispjega li dawn ic-citazzjonijiet bil-Latin gew imdeffsin "*tanto per*" u b'mod generiku. Ir-rabta taghhom mal-attributi negattivi li juza l-konvenut fil-konfront tal-attur ma thalli ebda dubju tan-natura ingurjuza u altament malfamanti lejn l-attur. Skond il-konvenut – u din hija inferenza tal-Qorti – l-attur

bhala ricerkatur storiku tant huwa inaffidabbli u qarrieqi li min ifettilu jirreferi ghar-ricerki tieghu biex jikteb dwar il-parrocci tar-Rabat, Ghawdex, ikun qieghed jippersisti fil-hazin. Fil-fatt, il-konvenut jiccita minn Ovidju ("video meliora proboque, deteriora sequor) (fol. II) u minn ghidut iehor, din id-darba attribwiet lill-Kardinal De Polignac (fol. 45 tal-kitba), xejn anqas kumplimentuz (Errara est humanum, perseverare autem diabolicum"). Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tkompli ssib aktar siltiet jew taghti aktar ezempji minn dawn jew minn ohrajn li jissemmew fis-sentenza appellata biex tirrafferma li l-kitba *de quo* hija tabilhaqq wahda malfamanti, u li taht ebda cirkostanza ma' tali kitba tista' titqies bhala "*fair comment*". Daqstant iehor ma jista' jinghad li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti. Jekk il-hsieb jew l-intenzjonijiet tal-konvenut kienu differenti u aktar piji minn hekk, din problema tieghu ghar-raguni li qarrej ta' intelligenza ordinarja ma jasalx biex iqis dak li nkiteb dwar l-attur differentement minn dak li fehmet u kkostatat sija l-ewwel Qorti u sija din il-Qorti.

Ghalhekk iz-zewg aggravji fil-mertu li gew avvanzati mill-konvenut appellanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u qeghdin jigu respinti.

**It-Tielet Aggravju Dwar id-Danni**

7. Fit-tielet lok, il-konvenut jissottometti li, fi kwalunkwe kaz, id-danni li gew likwidati fl-ammont ta' seba' mitt lira kienu eccessivi, specjalment meta wiehed iqabbilhom ma' ammonti ohrajn f'diversi kawzi simili ta' libell. Oltre dan, jissottometti l-konvenut, il-pubblikazzjoni kienet wahda limitata, ta' nteress parrokkjali u mhux nazzjonali u qatt ma kien hemm l-intenzjoni ta' malafama fil-konfront tal-attur min-naha tal-appellant.

Din il-Qorti, wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet fid-dawl tal-provi akkwiziti u s-sentenza li nghatat, hija tal-fehma li d-danni likwidati mill-Qorti tal-ewwel grad, barra li kienu kompletament fil-parametri ta' dak li hemm komminat fil-Ligi tal-Istampa f'kaz ta' malafama, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha (ampjament immotivati fis-

sentenza appellata), jidhrilha li l-ammont likwidat huwa wiehed gust u mhux il-kaz allura li din il-Qorti tirriforma, billi tirriduci, il-*quantum* tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti, kif talab il-konvenut permezz tat-tielet aggravju tieghu. Il-konvenut issottometta li tiratura ta' madwar 500 ktieb (u li minnhom ighid li ddispona biss 300 ktieb) m'hijiex wahda kbira u l-kontroversja in diskussjoni hija wahda ta' natura parrokkjali u mhux fuq skala nazzjonali, kwindi wahda ta' portata limitata u cirkoskritta.

8. Din il-Qorti jidhrilha li, ibda biex, l-ammont ta' kotba stampati biex jigu ccirkolati kien wiehed relattivament sostanzjali fic-cirku gia` ristrett ta' pubblikazzjonijiet bl-ilsien Malti. It-tieni nett, il-malafama diretta kontra l-attur bil-kitba *de quo* m'ghandhiex titkejjel semplicement bil-lok u ambjent fejn saret. Hawn si tratta tar-reputazzjoni, integrita` u professjonalita` ta' individwu li permezz tar-ricerka storika stabbilixxa ruhu bhala fonti ta' riferenza. Li wiehed jittimbrah bhala bniedem qarrieqi, manipulatur tal-fatti, falsifikatur ta' dokumenti storici zgur huma attribwiti gravi malfamanti. Mhux il-kaz hawn li din il-Qorti toqghod ticcita l-ghadd kbir ta' decizjonijiet li jaffermaw dan il-punt, ikun bizzejjed li jsir accenn ghad-diversi siltiet li jissemmew fis-sentenza appellata li tinsab inkorporata bhala parti integrali minn din is-sentenza. Fic-cirkostanzi, dan it-tielet u l-ahhar aggravju huwa wkoll infondat u qieghed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------